MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 8/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
Vs.
David Lineker Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 196887(M) akkuzat talli:

1. nhar it-3 ta’ Jannar 2007 ghall- habta ta’ 2.00pm gewwa Triq l-isptar Pieta  ittanta li jikkometti serq min gewwa vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni NIC884 a detriment ta’ Nicholai Mallia minn Tal-Pietà  liema serq ma sehhx minhabba xi haga acidentali u indipendenti mill-volonta tal-imputat u dan ai terminu tal-artikolu 41 (a), liema attentat ta’ serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, (li ma jeccedix l-elf lira Maltin)

u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 271(g), 279 (a) (b) u 281 tal-Kap 9;

2. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' parti minn vettura Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni NIC884 ghad-dannu ta' minn tal- Pieta u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kap 9;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li kien qed jaghmel jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioé fuq il-persuna tal-kuntistabbli PC433 Rudolph Mallia fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoi 92 u 95 tal-Kap 9;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-PC433 R. Mallia jaghmel dak li b'ligi kien ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

5. fl-istess lok, data hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' PC433 Rudolph Mallia minn tal-Pietà, skond kif iccertifikat Dr. Miriam Camilleri Md tac-centru tas-sahha tal-Floriana u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9;

6. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-PC433 Rudolph Mallia sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9;

7. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi involontarjament ikkaguna hsara fuq telefon cellulari tal-ghamla Nokia ghad-dannu ta' l-istess Pc433 R. Mallia u dan ai terminu tal-Artikolu 328 tal-Kap 9.

Il- Qorti mitluba titratta ma' l-imputat bhala li irrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal- Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u dan ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

U aktar talli David Lineker Micallef talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Onorabbli Qorti imposti fuqu nhar il-25 ta’ Mejju 2004 billi ikkometta reat waqt l-operat ta’ sentenza sospiza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal tal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi huma dawk ta’ attentat ta’ serq, hsara volontarja u involontarja, ingurja u theddid kontra ufficjal pubbliku, ta’ feriti hfief, li huwa recidiv, u li ikkommetta reat waqt sentenza sospiza. Akkuzat ukoll b’offizi kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(ee) u 339(d) jigifieri li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u li hebb kontra membru tal-Korp tal-Pulizija.

L-akkuzat ghazel li ma jixhidx. Il-provi huma però tali, sodisfacjenti u kredibbli, li jirrendu l-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat bhala li ma jisthoqilhiex tigi emmnuta. Ergo, l-akkuzi kontra l-akkuzat ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, r-raba’ u s-sitt akkuza jinsabu pjenament pruvati. Li ma jirrisultawx pruvati huma t-tielet, il-hames u s-seba’ akkuza.

Illi rigward ir-recidiva u li l-odjern reat gie kommess waqt perjodu ta’ sentenza sospiza hemm qbil li gew ikkunsidrati f’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 41, 261(b)(c)(g), 263, 264, 271(g), 278(2), 279(a), 325(b), 338(ee), 339(d) u 17 tal-Kap 9 tiddeciedi wara li qed issibu hati tal-akkuzi kif fuq spjegat li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht il-harsien tal-ufficcjal tal-probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------